**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 t'April 2025**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Anne Marie Xuereb)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Miriam Caruana**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Miriam Caruana ta' 34 sena, bint Sally Caruana imwielda Pieta fl-20 ta' Novembru 1983 u residenti f'35 Triq il-Gendus, Valletta, detentrici tal-karta tal-identita numru 0014784M

Akkuzata talli fil-perjodu bejn Dicembru 2017 u Gunju 2018 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-detriment ta' Maria Dolores Frendo, anzjana ta' 80 sena.

2. Ghamlet qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-detriment ta' Maria Dolores Frendo, anzjana ta' 80 sena

3. Approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom jew minhabba depozitu necessarju taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi hsara ta' Maria Dolores Frendo, anzjana ta' 80 sena, liema ammont ta' hsara huwa ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000)

4. Talli fit-23 ta' Mejju 2018, gewwa Saint James Eye Clinic Birkirkara, ikkommettiet serq ta' gizirana tad-deheb b'salib zghir tad-deheb b'valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Josephine Burridge, anzjana ta' 91 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur,

5. U aktar talli kkommettiet reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza moghtija nhar il-15 ta' Marzu 2018 mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D fejn hija kienet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

6. U aktar talli kkommettiet reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza moghtija nhar il-21 ta' Lulju 2017 mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D fejn hija kienet liberata

bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

7. U aktar talli kkommettiet reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza moghtija nhar id-19 ta' April 2018 mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D fejn hija kienet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

8. Talli rrendiet ruhha recidivista [sic] ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront taghha mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tapplika il-provvedimenti kkontemplati fl-Artikolu 257D, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Kif ukoll tipprovdi ghas-sigurta ta' Maria Dolores Frendo u ta' Josephine Burridge ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti finalment giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 t' Awwissu 2022 fejn deherlu li tista' tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 17, 31, 23, 23A(2), 23B, 23C, 412C, 257D(a), 383, 533 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Fl-Artikoli 18, 308 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fl-Artikoli 18, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Fl-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Fl-Artikoli 261(c), 267 u 279 (a) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Fl-Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra taghha jigu trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat li minkejja li din il-Qorti tat lill-Prosekuzzjoni u lill-parti offiza l-fakolta’ li jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet, huma naqsu li jaghmlu dan fit-terminu lilhom preskritt, u rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tad-difiza.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-4 ta’ Gunju 2018, l-ispettur Chantelle Casha arrestat lill-imputata u lill-partner taghha Ali Muhammed Hassan in konnessjoni ma’ reat ta’ frodi fuq terza persuna. Minn fuq il-persuni taghhom gew elevati diversi oggetti tad-deheb u mir-residenza taghhom gew elevati numru ta’ mobiles. Kemm l-imputata kif ukoll

il-partner taghha qalu li d-deheb kienu xtrawh minghand Sergio Zampa li ghandu hanut il-belt Valletta.

2. L-ispettur Casha hadet d-deheb ghand Sergio Zampa, li ikkonferma li d-deheb kien gie mixtri kollu minghandu. Huwa wera lill-ispettur l-ircevuti li kienu fuq isem Maria Dolores Frendo. Id-deskrizzjoni li ta Zampa tal-mara li kienet tmur tixtri d-deheb minghandu kienet taqbel mad-deskrizzjoni tal-persuna tal-imputata. Zampa qal ukoll li din il-mara kienet tmur tixtri regolarment minghandu flimkien ma' ragel Gharbi, u li din kienet tixtri minghandu permezz ta' card tal-bank.

3. Minn investigazzjoni li ghamlet l-ispettur Casha, irrizulta li l-card in kwistjoni kienet tappartjeni lil Maria Dolores Frendo persuna anzjana, ta' tmenin (80) sena, li toqghod il-Hamrun. L-ispettur Casha cemplet lil Frendo u staqsietha jekk hi qattx kienet xtrat minghand Sergio Zampa, u l-anzjana wiegbet li hi ma kinietx tohrog mid-dar, u li kienet ilha ma tmur il-Belt. Pero Frendo qalet lill-ispettur li kellha habiba taghha bl-isem ta' Miriam li kienet tghinha u tixtrilha l-affarijiet u tghinha anke f'affarijiet relatati mal-bank.

4. Fuq parir tal-ispettur Casha, Maria Dolores Frendo ivverifkat kemm mal-Bank of Valletta kif ukoll mal-HSBC Bank – li maghhom kellha kontijiet bankarji –u irrizulta li l-kontijiet kollha li kellha kienu kwazi vojta.

5. Maria Dolores Frendo ghamlet rapport formali mal-Pulizija fejn qalet li hija saret taf lil Miriam, li xi kultant kienet issejjah bl-isem Marlene, f'Jannar 2018. Din Miriam kienet tghina fil-qadi li jkollha inkluz f'affarijiet relatati mal-banek, u kienet thallsilha wkoll il-kontijiet mal-GO p.l.c.. Hija qalet li qabel kienet taf lil Miriam hija kienet tigbed il-flus tal-pensjoni direttament minghand il-kaxxier tal-fergha tal-Hamrun tal-HSBC, imma Miriam hajritha biex tibda tuza l-card biex ma toqghodx tistenna fil-queue. Miriam ghallmitha kif tuzha l-card, u peress li kienet tmur maghha biex tigbed il-flus, Frendo gieli kienet tghidilha n-numru tal-PIN. Hija qalet li ma tiftakarx li tat lil Miriam il-card tal-HSBC biex izzommielha, pero kien hemm drabi meta Miriam kienet tghidilha li ser izzomm il-card fuqha sakemm jaslu d-dar biex ma titlifiex, u jista' jkun li kienet nessitielha.

6. Maria Dolores Frendo uriet lill-Pulizija statements tal-HSBC Bank li kienu juru li fil-waqt li fid-9 ta' Novembru 2017 hija kellha depoziti u investimenti fl-ammont ta' hamsa u disghin elf, tlett mija u sebgha u sittin Euro u hdax-il centezmu (€95,367.11), fis-16 ta' Gunju 2018 dawn nizlu ghal elf, seba' mija u tlieta u tmenin Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,783.32). In oltre depozitu fiss ta' sebat elef hames mija u tmienja u sittin Euro (€7,568.00) li kellha mal-Bank of Valletta inghalaq fit-28 ta' Mejju 2018, u flus ingibdu in kontanti. Fir-rapport taghha, hija qalet ukoll li minn indagni li ghamlet kien infetah kont f'isimha ghas-servizz tal-mobile u internet mas-socjeta GO p.l.c., meta hi ma kinietx tuza mobile u internet, imma biss servizz ta' linja fissa. Dan il-kont infetah minn Miriam Caruana bhala prokuratrici taghha, imma Frendo ma ftakritx li tatha din il-prokura.

7. Waqt l-investigazzjoni fuq dan ir-rapport ta' Maria Dolores Frendo, l-Ufficjal Investigatur tal-Pulizija sabet rapport fuq is-sistema tal-Pulizija maghmul minn Josephine Burridge, anzjana ta' wiehed u disghin (91) sena. Dan ir-rapport sar fit-23 ta' Mejju 2018. Burridge qalet li waqt li kienet fil-cloakroom tas-St James Eye Clinic go B'Kara, mara daqsxejn qawwija liebsa flokk blu, offrietilha li taqflilha l-kullana tal-perli li kellha ma' ghonqha. Malli harget mill-cloakroom, Burridge indunat li gizirana ohra b'salib tad-deheb li kienet liebsa wkoll, kienet nieqsa. Minn stharrig li ghamlu l-Pulizija fuq il-filmati tac-CCTV fil-klinika dehret l-imputata mar-reception desk, u li kienet liebsa flokk blu. Meta l-imputata giet interrogata mill-Pulizija hija ammettiet li kienet marret fil-cloakroom u ghenet anzjana tirranga kullana, imma hija innegat li serqet il-gizirana. Hija qalet ukoll lill-Pulzija li kienet marret taghmel appuntament tal-ghajnejn ghaz-zija taghha Maria Dolores Frendo.

8. Maria Dolores Frendo qalet lill-Pulizija li huwa vera li hi kienet tbati bil-kataretti, pero qatt ma marret fis-St James Clinic, u kienet tigi ezaminata fl-isptar Mater Dei. Hija qalet ukoll li kienet tat il-karti kollha tal-isptar Mater Dei lil Miriam Caruana biex taghmlilha appuntament mal-istess sptar, u mhux fi klinika privata.

9. Ghaldaqstant, l-imputata giet arrestata u ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront taghha.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-Htija**

7. Il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' kull wiehed mir-reati elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

8. Il-Qorti tixtieq tirrileva fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid li Maria Dolores Frendo u Josephine Burridge ma xehdux f'dawn il-proceduri. Dan mhux fattwalment korrett. Fil-fatt Maria Dolores Frendo xehdet fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019[1] u Josephine Burridge xehdet fis-seduta tal-19 ta' Gunju 2019.[2] In oltre, il-Qorti kienet ukoll pjuttost perplessa bil-fatt li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha d-difiza ma taghmel l-ebda riferenza ghaz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputata u ezebiti in atti.[3] Ladarba s-sottomissjonijiet tad-difiza kienu imsejsa fuq il-premessa erronja li Frendo u Burridge ma xehdux, u minghajr l-icken riferenza ghaz-zewg stqarrijiet tal-imputata, is-sottomissjonijiet tad-difiza ma kienux ta' ghajnuna ghal din il-Qorti.

_L-Ewwel Reat – Ir-Reat kontinwat ta' Truffa a dannu ta' Maria Dolores Frendo_

9. Mill-provi migbura, u partikolarment mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Yvonne Farrugia, ta' Maria Dolores Frendo u miz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputata, jirrizulta li l-imputata ghamlet hbieb ma' Frendo fil-bidu ta' Jannar 2018. Jidher li ghal xi raguni, Frendo gieli kienet issejjah lill-imputata bl-isem ta' Marlene, pero ma hemmx dubbju li hija kienet qed tirriferi ghall-istess persuna, u cioe ghall-imputata. Dan gie ammess ukoll mill-imputata fl-istqarrija taghha.[4]

10. B'xi mod Frendo kienet taht l-impressjoni li l-imputata kienet tahdem mad-dipartiment tas-Sigurta Socjali, fil-fergha tal-Hamrun. Effettivament jirrizulta li l-imputata fiz-

[1] Ara fol. 542 *et seq.* tal-process.
[2] Ara fol. 675 *et seq.* tal-process.
[3] Ara Dok YF25 a fol. 187 u Dok YF27 a fol. 278, u t-traskrizzjonijiet relattivi Dok NZ1 a fol. 198 u Dok NZ2 a fol. 326 tal-process.
[4] Ara fol. 200 tal-process.

zmien in kwistjoni kienet ilha snin dizokkupata, u fi kwalunkwe kaz qatt ma hadmet ma' dan id-dipartiment. L-imputata kienet tmur izzur lil Frendo ta' spiss, prattikament kuljum, u tghinha fil-qadi li jkollha bzonn. Frendo hija mara anzjana ta' tmenin (80) sena,[5] tghix wahedha, u kienet tiehu gost bl-attenzjoni u bil-kumpanija ta' l-imputata.

11. Fi ftit gimghat l-imputata kisbet il-fiducja tal-anzjana, tant li spiccaw jitkellmu fuq flus. L-imputata ikkonvinciet lil Frendo tapplika ghal Visa Electron card mill-HSBC sabiex ma toqghodx tmur il-bank kull darba li jkollha bzonn tigbed il-flus.

12. Mill-provi migjuba jirrizulta li f'Jannar 2018, il-kont savings tal-HSBC beda bi kwazi disat elef Euro (€9000) bilanc.[6] L-ewwel cash withdrawal mill-HSBC sar fil-15 ta' Jannar 2018, u kien ta' tlett elef Euro (€3000). Ftit granet wara, u cioe fis-25 ta' Jannar 2018 bdew jinhargu l-flus mill-kont permezz tal-ATM, b'mod regolari hafna. Bdew ukoll isiru ukoll pagamenti b'mod regolari bil-card ghal diversi oggetti mixtrija u servizzi. Ghalkemm il-flus originali depozitati f'dan il-kont bdew ovvjament jonqsu, baqghu jigu depozitati fil-kont flus mill-pensjoni ta' Frendo, kif ukoll bdew jinghalqu investimenti ohrajn li Frendo kellha mal-HSBC, u l-flus ta' dawn l-investimenti bdew jigu depozitati f'dan il-kont. Meta wiehed jghodd l-ammonti kollha tal-flus li dahlu fil-kont, flimkien mal-bilanc originali f'Jannar 2018, jasal ghall-ammont ta' tmienja u disghin elf, tminn mija u hamsin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€98,850.43).[7] Pero, meta Frendo ghamlet ir-rapport lill-Pulizija f'Gunju 2018, f'dan il-kont kien hemm biss l-ammont ta' €991.19.[8] Ghaldaqstant, l-ammont nieqes mill-kont tal-HSBC bejn Jannar u Gunju 2018 huwa ta' sebgha u disghin elf, tminn mija disgha u hamsin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€97,859.24) (€98,850.43 - €991.19). Apparti l-ewwel transazzjoni ta' €3000, dawn il-flus ingibdu mill-kont permezz tad-debit card.

13. Frendo kellha wkoll sebat elef, erba' mija u hamsa u sittin Euro (€7,465.00) depozitati mal-Bank BOV. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata ikkonvincietha biex taghlaq dan il-kont, u tiddepozita dawn il-flus mal-HSBC, biex b'hekk ikollha l-flus depozitati kollha f'bank wiehed. Effettivament, jirrizulta ampjament mill-provi, inkluz mis-CCTV footage tal-BOV, li l-imputata akkompanjat lil Frendo il-bank biex taghlaq dan

---

[5] Ara certifikat tat-twelid ta' Maria Dolores Frendo a fol. 835 tal-process.
[6] Ara fol. 67 tal-process.
[7] Ara fol. 26 tal-process.
[8] Ara fol. 91 tal-process.

il-kont, il-flus ingibdu in kontanti, pero dawn il-flus qatt ma gew depozitati fil-kont savings tal-HSBC.

14. Ghalhekk f'perjodu ta' inqas minn sitt xhur, Maria Dolores Frendo naqsilha ammont globali mill-kontijiet fl-HSBC u tal-BOV ta' mija u hamest elef, tlett mija u erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€105,324.24) - €97,859.24 + €7465.00.

15. Fir-rapport inizzjali li Frendo ghamlet mal-Pulizija, hija qalet li hija qatt ma' kienet tat il-card tal-HSBC lill-imputata, pero l-imputata kienet qaltilha li ahjar izzommha hi, cioe l-imputata, halli ma titlifhiex, u forsi l-imputata nessitielha. Pero mill-istqarrija tal-imputata jirrizulta ampjament li Frendo kienet tafda l-card ghandha, biex hi cioe Frendo ma titlifiex.[9] L-imputata qalet ukoll li Frendo kienet qaltilha wkoll in-numru tal-PIN tal-card. Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, Frendo wkoll qalet li l-imputata kienet izzomm il-card fil-portmoni taghha, u hi ma talbitilhiex lura.[10]

16. Fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li Frendo ma kinietx taf li hi kienet qed tigbed il-flus bil-card taghha, u li kull transazzjoni li hija ghamlet permezz tal-card, ghamlitha minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Maria Dolores Frendo.

17. Mill-istatement tal-bank jirrizulta li prattikament kuljum l-imputata kienet tigbed tal-inqas hames mitt Euro (€500) mill-ATM bil-card ta' Frendo. Apparti dan, il-Prosekuzzjoni ezebiet diversi CCTV footages fejn jidhru l-imputata kif ukoll it-tifla minuri taghha ta' erbatax (14)-il sena separatament jigbdu l-flus minn ATMs diversi tal-HSBC f'diversi granet differenti.[11]

18. In oltre, bejn Frar u Mejju 2018, l-imputata xtrat ammont sostanzjali ta' deheb minghand Sergio Zampa bl-istess card. Mix-xhieda u r-rapport ta' Mario Carabott, espert mahtur mill-Qorti, jirrizulta li d-deheb ezebit in atti mill-ispettur Chantelle Casha, li Sergio Zampa gharaf li kien mixtri minghandu bil-card ta' Frendo, jammonta ghal sittax-il elf tlett mija hamsa u sebghin Euro u hamsin centezmu (€16,375.50)[12]. Irid jinghad li fosthom l-oggetti ezebiti mill-ispettur Chantelle Casha, kien hemm ukoll

---

[9] Ara fol. 216 tal-process.
[10] Ara fol. 557 tal-process.
[11] Ara r-rapport tal-espert Jonathan Mizzi ezebit bhala Dok JM1 a fol. 501 tal-process.
[12] Ara xhieda tal-espert Mario Carabott a fol. 608 tal-process u l-valutazzjoni Dok MC1 a fol. 614, u xhieda tal-ispettur Chantelle Casha a fol. 279 u d-dokumenti minnha ezebiti bhala CC2 u CC4 a fol. 286-287 tal-process.

diversi oggetti *costume jewellery*, il-mobile li l-imputata xtrat minghand il-GO bi flus Frendo, kif ukoll arlogg tal-ghamla Rolex.

19. Mill-provi jirrizulta wkoll li l-istess card kienet qed tigi uzata mit-tifla minuri tal-imputata, fuq istruzzjonijiet tal-istess imputata sabiex thallas ghall-uzu ta' taxi mal-entita Taxify Malta u sabiex tixtri online. Fl-isqarrija taghha l-imputata ammettiet li meta hija giet arrestata fl-4 ta' Gunju 2018 in konnessjoni ma' proceduri kriminali ohra, hija talbet lit-tifla minuri taghha sabiex tigbed il-flus mill-ATM bil-card ta' Frendo.

20. Jirrizulta wkoll li, permezz ta' prokura li Maria Dolores Frendo tat lill-imputata, l-imputata ghamlet zewg kuntratti mas-socjeta GO p.l.c., wiehed ghas-servizz ta' mobile kif ukoll biex tixtri mobile phone, u l-iehor ghall-internet fuq il-mobile.[13] Skond l-imputata, Frendo accetatat li tiffirma din il-prokura ghaliex l-imputata qaltilha li ma setghetx tiffirma l-kuntratt fuq isimha, u talbitha biex taghmel il-kuntratt fuq isimha, cioe fuq isem Frendo, bi pjacir. Pero l-imputata weghdet lil Frendo li hija, cioe l-imputata, kienet se thallas il-kontijiet relattivi. Effettivament Frendo hallset l-ewwel pagament ta' erba' mitt Euro (€400), minghajr ma kienet taf.[14] Ghalkemm fl-istqarrija taghha, l-imputata qalet li s-servizz kienet thallsu hi mill-flus tas-sigurta socjali li kienet tircievi, mill-atti jirrizulta li hija gieli wkoll hallset il-kontijiet mill-card ta' Frendo.[15] In oltre meta hi giet eventalment arrestata, kien ghad hemm kontijiet mhux imhallsa, li ovvjament kienu jghajtu lil Maria Dolores Frendo, ghax il-kuntratti kienu fuq isimha. Dan il-kont pendenti kien ta' mija u sitta u sittin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu. (€166.27)[16] Peress li ovvjament il-kirja tas-servizzi baqghet tiddekorri sat-2 ta' Ottubru 2018 – meta gie terminat is-servizz – l-kont pendenti tela' ghal hames mija u sebgha u tmenin Euro u tnejn u erbghin centezmu. (€587.42)[17] Barra minn dan, il-GO harget kont iehor lil Maria Dolores Frendo ta' mitejn u disgha u tletin Euro u seba' centezmi (€239.07) bhala penali talli itterminat il-kuntratt qabel iz-zmien pattwit.[18]

21. Fiz-zewg stqarrijiet taghha, l-imputata ikkoperat mal-Pulizija, fis-sens li mill-ewwel ammettiet li hi zbaljat u li riedet tati lura lil Maria Dolores Frendo sal-inqas centezmu

[13] Ara xhieda ta' Anthony Bonnici a fol. 806 tal-process u d-dokumenti minnu ezebiti.
[14] Ara fol 269 – 271 tal-process.
[15] Ara Dok AB4 a fol 829 tal-process.
[16] Ara fol. 816 tal-process.
[17] Ara fol. 826 tal-process.
[18] Ara fol. 828 tal-process.

li kienet haditielha. Hija qalet li l-flus kienet qieghda tigbidhom biex tixtri d-droga ghaliha personali, ghax hija dipendenti fuq id-droga. Pero hi ma ridietx tghid lill-Pulizija minghand min kienet tixtri d-droga. Anki d-deheb li kienet tixtri minghand Zampa, kienet tbieghu jew inkella tpartu biex takkwista d-droga. Hija qalet li hija prattikament nefqet il-flus kollha li hadet illegalment minghand Maria Dolores Frendo fix-xiri tad-droga.

22. L-imputata ammettiet wkoll li apparti xi transazzjonijiet zghar ta' xi hames mitt Euro (€500)-il wiehed, fejn akkompanjat lil Maria Dolores Frendo sal-ATM biex tigbed il-flus tal-pensjoni, biex tkun tista' tghix, ix-xiri kollu l-iehor kien a beneficcju taghha. Hija qalet li bil-flus kienet tixtri ukoll rigali ghat-tifla minuri u ghal partner taghha, sabiex tigbidhom lejha, billi dak iz-zmien ma kienux qed jaghtu wisq kasha, minhabba l-abbuz taghha mid-droga. Hija uzat ukoll il-card biex taghmel xirja minn supermarket ghal habiba taghha li kellha problemi finanzjarji. Ix-xiri kollu li sar bil-card jirrizulta mill-istatement tal-HSBC ezebit in atti.

23. Mill-provi jirrizulta wkoll li ad insaputa ta' Frendo, l-imputata ghamlet appuntament ghand tabib tal-ghajnejn fil-Klinika St. James. Hija marret b'din il-karta l-bank BOV, u qaltilhom li Frendo riedet taghmel operazzjoni tal-kataretti, u ghalhekk kellha bzonn il-flus depozitati fil-bank. Kien ghalhekk, li l-bank halla lil Frendo tigbed il-flus in kontanti, bla problemi. Fl-istqarrija taghha, l-imputata qalet li minn dawn il-flus, hi kienet tat elfejn Euro (€2000) lil Frendo, u l-kumplament zammithom hi.[19] Pero mill-filmati tac-CCTV tal-BOV, jirrizulta ampjament li kienet l-imputata li tkellmet mal-kaxxier, ghalkemm Frendo kienet prezenti fuq wara. Meta l-kaxxier ta l-flus lill-imputata, hi qasmithom f'zewg envolepes differenti u poggiet iz-zewg enveloppes fil-basket taghha.[20] Mill-istatement tal-kont savings tal-HSBC ma jirrizultax li dawn il-flus gew depozitati f'dan il-kont, u fix-xhieda taghha Frendo ma qalitx li l-imputata tatha xi flus.

24. Kif diga inghad, mill-provi, inkluz mill-istqarrija tal-imputata, jirrizulta li hija kompliet taghmel uzu mill-card anke wara li kienet giet arrestata fl-4 ta' Gunju 2018, billi kienet iccempel lit-tifla minuri biex tigbed il-flus mill-ATM bil-card. Fis-seduta tal-20 ta'

[19] Ara fol. 354 tal-process.
[20] Ara r-rapport tal-espert Jonathan Mizzi ezebit bhala Dok JM1 a fol. 501 tal-process.

Jannar 2021, id-difiza iddikjarat li mhix qed tikkontesta li l-vuci fit-telefonati indikati mill-Prosekuzzjoni li saru mill-habs hija l-vuci tal-imputata.[21]

25. Fl-istqarrija taghha, l-imputata qalet ukoll li hija kienet tixtri "rigali" lil Maria Dolores Frendo, bil-flus li illegalment kienet qieghda tigbed mill-kont tal-istess Frendo. Dawn ir-"rigali" jikkonsistu f'erba' (4) ilbiesi ta' ghaxar Euro-il wahda (€10.00) u zewg muggijiet ta' hames Euro (€5.00)-il wiehed.[22] Gieli kienet tixtrilha wkoll xi tigieg minghand ic-Chick King, pastizzi u tigieg ghall-kelba minghajr ma zzommilha flus.[23] L-imputata qalet ukoll li darba hallsitilha l-kont tad-dawl u ilma u xi tlett darbiet ohra il-kont tat-telephone, liema kontijiet kienu ta' hamsin Euro (€50.00) kull wiehed. Ovvjament, dawn ir-"rigali" u kontijiet kienu jithallsu mill-flus ta' Frendo stess. Pero, m'hemmx dubbju li f'mohh Frendo, il-fatt li l-imputata kienet ittieha r-rigali u thallsilha l-kontijiet minghajr ma titlobha hlas, kompla sahhah il-fiducja li hija li kellha fl-imputata.

26. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul**, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[24] irriteniet hekk:

*"Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe` dawk l-"artifiżi" jew "raġġiri" idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball – l-ingann – u li <u>b'konsegwenza ta' dak l-iżball</u> il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegħ għall-aġent. Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, b'artifizio wieħed għandu jifhem:*

*"… … ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effettuata sia simulando cioe` che non esiste (per es. ricchezza, titoli, nome, qualita ecc_ sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cioe` che esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l-uso di una determinate cosa ecc)" (Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I Giuffre (Milano) 1986, p. 295);*

[21] Ara fol. 861 tal-process.
[22] Ara fol. 220 tal-process.
[23] Ara fol. 221 tal-process.
[24] *Per* Imħallef Vincent De Gaetano.

*L-istess awtur jiddefinixxi ir-raġġir bil-mod segwenti:*

*"Il raggiro … … e un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita." (ibid);*

*Il-ligi tagħna ma tirrikjedix il-messa in xena, cioe` li dawn l-artifiżji jew raġġiri jkunu xi ħaġa kkomplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifiżji jew raġġiri jistgħu jieħdu. … …*

*Pero, kif ingħad, element essenzjali ieħor tar-reat in diżamina huwa t-telf patrimonjali li ġġarrab il-vittma bil-konsegwenti qligħ għall-aġent, liema telf u qliegh ikunu r-riżultat ta' xi ħaġa li tagħmel jew tonqos milli tagħmel il-vittma għax tkun ġiet ingannata. In fatti t-truffa komunement tiġi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligħ. Fi kliem l-awtur appena ċitat:*

*"Il consenso della vittma, carpito fraudolentemente caretterizza il reato (di truffa) e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittma perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col colere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitraria e percio non consentita, assunzione di poteri, che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri riesce ad ottenere che la vittma si danneggi da se: consegni una cosa assuma, un'obbligazione, rinunzi ad un diritto ecc: compia in somma un atto di disposizione pregiudievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri" (op. cit., p. 293);"*[25]

27. A bazi tal-provi prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputata immanipulat emozzjonalment u ingannat lil Frendo - mara ta' tmenin (80) sena, li mhux biss kienet tghix wahedha, izda kienet ukoll qed thossha wahedha - li hija kienet tirrispettaha u thobbha, u li kellha l-ahjar interessi tal-anzjana ghal qalbha. Konsegwenza ta' dan l-

[25] Ara fl-istess sens **Il-Pulizija vs John Glenn Debattista** deciza fl-20 ta' Novembru 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Vincent A. De Gaetano).

ingann, Frendo fdat lill-imputata b'ghajnejha maghluqa, tant li kienet taghmel kullma tghidilha l-imputata, anke fejn jidhlu l-amministrazzjoni tal-flus taghha. Iktar minn hekk Frendo tat lill-imputata card tal-HSBC taghha biex izzommielha, ghax minghalija li l-card kienet f'post iktar sigur ghand l-imputata, u sahansitra zvelat in-numru tal-PIN tal-card lill-imputata. Il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubbju li Frendo ma kienitx ser taghmel dawn l-affarijiet kieku kienet taf li l-vera intenzjoni tal-imputata kienet li tohdilha xi flus – ahseb u ara l-flusha kollha taghha - mill-bank.

28. Il-Qorti setghet tapprezza kemm Frendo kienet emozzjonalment manipulata mill-imputata u kellha fiducja ghamja fiha, bir-recordings tat-telefonati li kien hemm bejniethom wara li l-imputata giet arrestata fl-4 ta' Gunju 2018 in konnessjoni ma' proceduri kriminali ohra.[26] Sabiex tiggustifika in-nuqqas taghha li zzur lill-anzjana, l-imputata cemplet lill-Frendo mill-habs u qaltilha li kellha issiefer biex taghmel xi ezamijiet barra minn Malta. Hija kienet iccemplilha regolarment u tispjegalha li billi inqalghu xi kumplikazzjonijiet ma setghetx tigi lura Malta. Minkejja li sa dak iz-zmien kemm l-HSBC Bank kif ukoll il-Pulizija kienu infurmaw lil Frendo li l-imputata kienet prattikament haditilha l-flus kollha li kellha fil-banek, u li l-imputata kienet giet arresta, Frendo ma emmnithomx. Ghal diversi granet Frendo baqghet temmen lill-imputata li innegat li haditilha l-flus, u baqghet tirrepetilha kemm kienet tirrispettaha u li kienet thobbha qisha ommha.[27]

29. Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-fatti li jirrizultaw mill-provi jammontaw ghar-reat ta' truffa.

30. Kif diga inghad f'perjodu ta' inqas minn sitt xhur, Maria Dolores Frendo naqsilha ammont globali mill-kontijiet fl-HSBC u tal-BOV ta' mija u hamest elef, tlett mija u erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€105,324.24). Pero minn dan l-ammont, il-Qorti se tnaqqas ammont li se tillikwida *arbitrio bono viri* rapprezentanti flus li Frendo ragonevolment nefqet ghall-ispejjez taghha tal-hajja, stante li hi kienet tigbed il-flus ghaliha mill-ATM bl-assistenza tal-imputata. Din il-Qorti se taghmel dan billi tqis kemm kienet gibdet flus Frendo mill-bank fis-sena precedenti u cioe fis-sena 2017. Mill-istatement tal-HSBC Bank jirrizulta li bejn Jannar u Gunju 2017, l-

---

[26] Traskrizzjoni ta' dawn it-telefonati mill-habs tinsab ezebita a fol. 938 *et seq.* tal-process.
[27] Ara per ezempju fol. 946, 949 u 951 tal-process.

imputata gibdet l-ammont ta' elfejn Euro tlett mija u erbgha u sebghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€2374.78).[28] In vista ta' dan il-fatt, il-Qorti hija tal-opinjoni li ghall-istess perjodu tas-sena 2018 jkun ekwu li mill-ammont ta' €105,324.24, il-Qorti tnaqqas *arbitrio boni viri* l-ammont ta' elfejn erba' mija u erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2424.24) bhala rapprezentanti l-ammont li Frendo nefqet ghall- hajja.

31. Minn dan isegwi li l-ammont totali li l-imputata iffrodat lil Maria Dolores Frendo bil-*mis en scene* u r-raggiri huwa ta' mija u elfejn u disa' mitt Euro (€102,900.00).

32. Fl-ahharnett mill-provi jirrizulta ampjament li dan ir-reat ta' truffa kien wiehed kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

*It-Tieni Reat – Ir-Reat kontinwat ta' Frodi Innominata a dannu ta' Maria Dolores Frendo*

33. Din l-imputazzjoni tar-reat kontinwat ta' frodi innominata hija alternattiva ghal dik tar-reat kontinwat ta' truffa. La darba il-Qorti sabet lill-imputata hatja tar-reat kontinwat ta' truffa, hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

*It-Tielet Reat – Ir-Reat kontinwat ta' Approppjazzjoni Indebita aggravata a dannu ta' Maria Dolores Frendo*

34. Din l-imputazzjoni tar-reat kontinwat ta' appropproppjazzjoni indebita aggravata hija wkoll alternattiva ghal dik tar-reat kontinwat ta' truffa. La darba il-Qorti sabet lill-imputata hatja tar-reat ta' truffa kontinwata, hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

[28] Ara fol. 92 – 93 tal-process.

*<u>Ir-Raba' Reat – Serq ikkwalifikat bil-valur a dannu ta' Josephine Burridge</u>*

35. L-imputata hija mixlija wkoll li fit-23 ta' Mejju 2018, hija serqet gizirana tad-deheb b'salib zghir tad-deheb ghad-dannu ta' Josephine Burridge, anzjana ta' wiehed u disghin (91) sena[29], waqt li din kienet fis-Saint James Eye Clinic Birkirkara.

36. Mix-xhieda u provi prodotti jirrizulta li mill-filmati tas-CCTV tal-klinika tidher l-imputata diehla wara Burridge fil-cloakroom. Imbaghad l-imputata terga' tohrog mill-cloakroom u warajha tohrog Burridge.[30] Gie wkoll ezebit still mill-istess filmat li juri lill-imputata liebsa top blu wieqfa hdejn ir-reception tal-klinika. u tidher liebsa diversi cappetti f'idha.[31]

37. Meta l-imputata giet interrogata mill-Pulizija tal-ghassa ta' B'Kara dak in-nhar stess tal-incident hija ammettiet li kienet marret fil-cloakroom u ghenet anzjana tghalaq kullana tal-perli, imma hija innegat li serqet gizirana ohra li l-anzjana kienet liebsa.[32] L-imputata qalet lill-Pulzija li kienet marret taghmel appuntament tal-ghajnejn ghaz-zija taghha Maria Dolores Frendo. Anki waqt l-interrogatorju in konnessjoni mal-proceduri odjerni, l-imputata baqghet tinnega li serqet din il-gizirana. Pero waqt dan l-interrogatorju hija ma qalitx lill-Puizija li ghenet lill-anzjana tghalaq kullana, izda qaltilhom li ghenet lil din l-anzjana biex *"ttella l-komma"* ta' xi jersey li kienet liebsa.[33]

38. Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, Josephine Burridge kienet cara u konsistenti.[34] Hija qalet li waqt li kienet qieghda tahsel idejha fil-*cloakroom,* dahlet mara liebsa libsa blu u bic-cappetti f'idha. Din il-mara qaltilha li kellha l-kullana taz-zibeg miftuha u jekk riditx li tghinha taqfilha, u hi accettat. Burridge tghid li hi ma ratx wicc din il-mara ghax kienet il-hin kollu warajha u l-kamra kienet zghira hafna. Pero Burridge tghid li din il-mara kienet ta' statura kbira, ghax dirghajha kienu kbar. Wara li l-mara qaflitilha l-kullana, hija sparixxiet. Sussegwentement, Burridge indunat li l-gizirana l-ohra tad-deheb bis-salib tad-deheb li kienet liebsa ukoll dak-in-nhar, ma kienitx aktar f'ghonqa.

---

[29] Ara certifikat tat-twelid ta' Josephine Burridge a fol. 836 tal-process.
[30] Ara xhieda ta' Andre Camenzuli a fol. 695 tal-process.
[31] Ara Dok YF5 a fol. 61 tal-process.
[32] Ara fol. 59 tal-process.
[33] Ara fol. 240 tal-process.
[34] Ara fol. 675 tal-process.

39. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputata serqet din il-gizirana. Burridge ma kellha l-ebda raguni ghalfejn tivvinta din l-istorja fuq l-imputata – li lanqas biss kienet tafha u lanqas rat lil wiccha waqt l-incident. In oltre, il-provi cirkostanzjali ta' kif graw l-affarijiet bl-imputata tidhol fil-cloakroom ezatt wara l-anzjana, tghidilha li ghandha l-kullana miftuha u issaqsiha biex tghinha taqfilha, u mbaghad titlaq tigri l-barra, kif ukoll il-fatt li l-imputata inzertat liebsa top blu u kellha cappetti f'idha ezatt bhal persuna li ddiskriviet Burridge, jippuntaw kollha f'direzzjoni wahda, u cioe li kienet l-imptutata li serqet din il-gizirana tad-deheb.

40. Burridge xehdet li t-tifel taghha kien taha is-salib tad-deheb bhala rigal circa ghoxrin (20) sena qabel, u ghalhekk kellu valur sentimentali ghaliha. Il-gizirana tad-deheb kienet irqiqa u kienet xtratha circa erbghin (40) sena ilu. Ghalkemm il-valur preciz ta' dawn l-oggetti ma setghax ghal ragunijiet ovvji jigi stabbilit permezz ta' espert, fir-rapport lill-Pulizija Burridge iddikjarat li l-valur taghhom kien ta' erbat mitt Euro (€400).[35] Il-Qorti hija tal-opinjoni li dan il-valur moghti lill-oggetti tad-deheb in kwistjoni huwa wiehed ragonevoli hafna.

41. Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi €232.94, izda ma jeccedix €2,329.37.

*<u>Ksur ta' tlett Ordnijiet ta' Liberazzjoni Kondizzjonata - Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>*

42. L-imputata giet mixlija wkoll li ikkommettiet r-reati li taghhom instabet hatja fil-perjodu operattiv ta' tlett sentenzi ta' din il-Qorti, diversament preseduta:
    (i) is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018 moghtija minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli, li biha kienet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena,
    (ii) is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2017 moghtija minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Joseph Mifsud, li bih hija kienet liberata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur, u

[35] Ara fol. 58 tal-process.

(iii) is-sentenza tad-19 ta' April 2018 moghtija minn din il-Qorti, ippreseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli, fejn hija kienet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

43. Bis-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, l-imputata instabet hatja tar-reat ta' serq semplici, u giet liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena mid-data ta' dik is-sentenza.[36]

44. Bis-sentenza tal-21 ta' Lulju 2017, l-imputata ukoll instabet hatja ta' serq semplici, u giet liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' dik is-sentenza.[37]

45. Bis-sentenza tad-19 ta' April 2018, l-imputata instabet hatja ta' serq ikkwalifikat bil-valur, u giet liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mid-data ta' dik is-sentenza.[38]

46. Ghaldaqstant, jirrizulta ampjament li l-imputata ikkommettiet ir-reat kontinwat ta' truffa u dak ta' serq ikkwalifikat li taghhom instabet hatja f'dawn il-proceduri, fil-perjodu operattiv ta' zewg ordnijiet ta' liberta kondizzjonata imposti bis-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018 u b'dik tad-19 ta' April 2018. Ir-reat kontinwat ta' truffa gie kommess ukoll fil-perjodu operattiv tas-sentenza tal-21 ta' Lulju 2017.

*Addebitu tar-Recidiva*

47. Fl-ahharnett, skond in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputata ghandha titqies bhala recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

48. In sostenn ta' dan l-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni ezebiet is-segwenti sentenzi:

(i) Sentenza tas-7 ta' Novembru 2011 moghtija minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Doreen Clarke, fejn l-imputata instabet hatja tar-reat ta'

[36] Ara Dok YF30 a fol. 577 tal-process.
[37] Ara Dok YF31 a fol. 578 u Dok YF37 a fol 637 tal-process.
[38] Ara Dok YF32 a fol. 579 tal-process.

associazzjoni ghal fini ta' bejgh u traffikar tad-droga, u pussess aggravat tal-pjanta cannabis, u reati ohra konnessi mal-ligijiet dwar id-droga.[39]

(ii) Sentenza tal-6 ta' Gunju 2012 moghtija minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi, fejn l-imputata instabet hatja ta' zewg serqiet ikkwalifikati.[40]

(iii) Sentenza tal-10 ta' Dicembru 2014 moghtija minn din il-Qorti ippreseduta mill-Magistrat Dr Doreen Clarke, fejn l-imputata instabet hatja ta' serq ikkwalifikat.[41]

(iv) Sentenza tas-27 t'April 2017 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn l-imputata instabet hatja ta' pussess aggravat tar-raza tal-cannabis, pussess semplici tad-droga eroina, u li ippruvat iddahhal id-droga l-habs.[42]

49. Ghaldaqstant, l-addebitu tar-recidiva gie debitament ippruvat.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Piena**

50. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputata ghandha erbgha u ghoxrin (24) kundanna minn dawn il-Qrati ghal assortiment ta' reati, fosthom sitt (6) kundanni ghal tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, sitt (6) kundanni ghal pussess aggravat u semplici ta' droga, hames (5) kundanni ghal serq ikkwalifikat, sitt (6) kundanni ghal serq semplici u kundanna ghal reat ta' truffa. Hija inghatat diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex tirriforma ruhha billi inghatat diversi ordnijiet ta' liberta kondizzjonata, ordnijiet ta' Probation u sentenzi sospizi, pero hija baqghet tippersisti fit-triq li qabdet tal-kriminalita, tant li inghatat ukoll tlett sentenzi ta' habs effettiv.

51. Minkejja l-weghdiet kollha taghha waqt l-interrogozzjoni li kienet se thallas lil Maria Dolores Frendo sal-inqas centezmu li haditilha, mill-atti ma jirrizultax li l-imputata

[39] Ara Dok YF33 a fol. 619 tal-process.
[40] Ara Dok YF34 a fol. 623 tal-process.
[41] Ara Dok YF35 a fol. 626 tal-process.
[42] Ara Dok YF36 a fol. 629 tal-process.

ghamlet xi tentattiv biex taghmel dan wara li inghatat il-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri, u anki bdiet tahdem.

52. Mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li f'dawn l-ahhar sentejn l-imputata irregistrat ftit progress fil-hajja taghha fis-sens li kellha impjieg stabbli, u kienet qieghda taghmel hilitha – mhux dejjem b'success – biex izzomm il-boghod mid-droga. Pero fil-kaz odjern, il-piena idonea tista' tkun biss wahda ta' habs effettiv ghax fl-ewwel lok anki bl-applikazzjoni tal-assorbiment tal-pieni ghar-reati li taghhom l-imputata instabet hatja, il-piena minima li tista tigi erogata teccedi s-sentejn prigunerija li hija l-massimu ta' piena karcerarja li tista' tinghata f'kaz ta' sentenzja sospiza,[43] u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni specjali ghalfejn ghandha taghti piena taht il-minimu stabbilit mil-ligi. Fit-tieni lok, l-imputata instabet hatja li hi recidiva u li ikkommettiet ir-reati fil-perjodu ta' ordni ta' liberta kondizzjonata, u ghalhekk ma tistax tibbenefika minn sentenza sospiza.[44] In oltre, la darba l-imputata instabet hatja li kisret zewg ordinijiet ta' liberta kondizzjonata, hija ma tistax titqieghed taht sanzjoni komunitarja taht l-Att dwar il-Probation.[45]

53. Fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-ammont ta' flus li l-imputata irnexxielha takkwista b'qerq minghand Maria Dolores Frendo huwa wiehed sostanzjali ta' €102,900 – prattikament dak kollu li Frendo gemmghet bil-hidma u l-ghaqal taghha matul hajjitha, u li issa li waslet f'punt vulnerabbli f'hajjitha meta minhabba l-eta avvanzata taghha ghandha bzonn izjed flus ghal kura tas-sahha u l-ben essere taghha, sabet ruhha prattikament ta' fuqha senduqha.

54. Ma' dan l-ammont ta' €102,900, iridu jizdied l-ammont ta' €587.42 rapprezentanti kont pendenti mas-socjeta GO p.l.c. ghal zewg kuntratti relatati ma' servizz ta' mobile kif ukoll l-ammont ta' €239.07 rapprezentant penali impost mis-socjeta GO p.l.c. talli l-kuntratt gie terminat qabel iz-zmien pattwit. Maria Dolores Frendo kienet obbligata thallas dawn il-kontijiet stante li l-imputata ghamlet dawn il-kuntratti f'isem Frendo, b'mod frawdolenti kif spjegat iktar il-fuq. Ghalhekk id-danni sofferti minn Frendo jammontaw ghal mija u tlett elef, seba' mija u sitta u ghoxrin Euro u disgha u erbghin centezmu (€103,726.49).

---

[43] Ara Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali.
[44] Ara Artikolu 28A(7)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali.
[45] Ara Artikolu 23(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

55. Peress li mill-provi irrizulta ampjament li l-imputata xtrat l-oggetti tad-deheb ezebiti f'dawn il-proceduri minghand Sergio Zampa bi flus Maria Dolores Frendo, il-Qorti sejra tordna r-rilaxx ta' dawn l-oggetti tad-deheb favur Maria Dolores Frendo. Skond l-espert Mario Carabott, il-valur ta' dawn l-oggetti tad-deheb huwa ta' €16,375.50[46].

56. Dan l-ammont se jigi imnaqqas mill-ammont li l-imputata ser tigi ikkundannata tirrifondi lil Frendo. Ghalhekk l-imputata ser tigi ikkundannata tirrifondi lura lil Frendo l-ammont ta' sebgha u tmenin elf, tlett mija u hamsin Euro u disgha u disghin centezmu (€87,350.99: €103,726.49 - €16,375.50).

57. Pero, l-Qorti tixtieq tirrimarka li fil-verita hija mhux qed tara li hemm xi prospett realistiku li l-imputata xi darba effettivament ha thallas dan l-ammont, jew ghall-inqas parti sostanzjali minnu lill-imputata, stante li kif jirrizulta mir-rapport maghmul mill-Ufficju tal-Irkupru tal-Assi jirrizulta li fit-18 ta' Novembru 2018 l-unika assi li kellha l-imputata kienet is-somma sabieha ta' Euro u wiehed u tmenin centezmu (€1.81) depositati mal-Bank of Valletta. Pero kellha kwazi elf Euro (€1000.00) dejn mas-socjeta GO p.l.c. u iktar minn seba' mija u hamsin Euro (€750.00) dejn mas-socjeta Melita p.l.c.[47]

58. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-Artikolu 257D(1)(a) tal-Kodici Kriminali, stante li r-reat ta' truffa sar a dannu ta' anzjana ta' tmenin (80) sena u kien ta' aktar minn tlett elef Euro (€3000). Fir-rigward tas-serq ikkwalifikat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-Artikolu 257D(1)(b) tal-Kodici Kriminali, stante li dan is-serq sar a dannu ta' anzjana ta' wiehed u disghin (91) sena u l-oggetti misruqa kellhom valur ta' iktar minn mitejn u hamsin Euro (€250.00) izda inqas mitt tlett elef Euro (€3000).

**Konkluzjoni**

59. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 t'Awwissu 2022, qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

---

[46] Ara xhieda tal-espert Mario Carabott a fol. 608 tal-process u l-valutazzjoni Dok MC1 a fol. 614, u xhieda tal-ispettur Chantelle Casha a fol. 279 u d-dokumenti minnha ezebiti bhala CC2 u CC4 a fol. 286-287 tal-process.
[47] Ara fol. 390-391 tal-process.

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18, 309, 310, 18, 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe tat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti kontra l-imputata;

2. Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 257D(1)(a), 261(c), 267, 257D(1)(b), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tar-reati fihom kontemplati, u cioe tar-reati fl-ewwel, fir-raba' u fit-tminn imputazzjoni dedotti kontra taghha;

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-imputata ghal piena ta' sitt (6) snin prigunerija.

4. In oltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-hames imputazzjoni, u cioe li kisret il-kundizzjonijiet ta' ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, b'sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hatja ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hija kien tpoggiet taht din l-ordni, daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hatja ghal perjodu ulterjuri ta' tlett (3) xhur prigunerija effettiva.

5. Din il-Qorti sabet lill-imputata hatja wkoll tas-sitt imputazzjoni, u cioe li kisret il-kundizzjonijiet ta' ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, b'sentenza tal-21 ta' Lulju 2017, u ghalhekk din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, titratta mal-hatja ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hija kien tpoggiet taht din l-ordni, daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ghal

liberazzjoni kondizzjonata maghmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hatja ghal perjodu ulterjuri ta' tlett (3) xhur prigunerija effettiva.

6. Din il-Qorti sabet lill-imputata hatja wkoll tas-seba' imputazzjoni, u cioe li kisret il-kundizzjonijiet ta' ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, b'sentenza tal-19 ta' April 2018, u ghalhekk il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, titratta mal-hatja ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hija kien tpoggiet taht din l-ordni, daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hatja ghal perjodu ulterjuri ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Ghalhekk il-hatja ghandha taghmel perjodu globali ta' seba' (7) snin prigunerija, li minnu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

7. Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jirrilaxxa favur Maria Dolores Frendo l-ghaxar (10) oggetti tad-deheb elenkati fid-dokument Dok MC1 ezebit a fol. 614 tal-atti processwali, liema ghaxar (10) oggetti tad-deheb ghandhom valur totali ta' sittax-il elf tlett mija u hamsa u sebghin Euro u hamsin centezmu (€16,375.50).[48] Dawn l-oggetti ghandhom jigu rilaxxati wara li r-Registratur jiehu ritratti bil-kulur tal-istess oggetti, liema ritratti ghandhom jigu inseriti fl-atti processwali.

8. Ai termini tal-Artikolu 15A u tal-Artikolu 257D(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hatja sabiex thallas lil Maria

[48] Skond il-valutazzjoni tal-espert Mario Carabott fl-istess dokument Dok MC1 a fol. 614 tal-process.

Dolores Frendo is-somma ta' sebgha u tmenin elf, tlett mija u hamsin Euro u disgha u disghin centezmu (€87,350.99), rapprezentanti l-bilanc minn ammont akbar tar-rikavat li hija akkwistat b'qerq u ingann, wara li gie imnaqqas il-valur tad-deheb rilaxxat favur Maria Dolores Frendo b'din is-sentenza.

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

9. In oltre ai termini tal-Artikolu 15A u tal-Artikolu 257D(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hatja sabiex thallas lil Josephine Burridge s-somma ta' erba' mitt Euro (€400.00), rapprezentanti l-valur tal-oggetti misruqa.

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

10. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf mija u wiehed u hamsin Euro u hmistax-il centezmu (€1151.15), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skont il-ligi.

11. Ai termini tal-Artikolu 23B(1) u l-Artikolu 23Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali[49] tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska a favur tal-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' sebgha u tmenin elf, sebgha mija u hamsin Euro u disgha u disghin centezmu (€87,750.99) – rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' sebgha u tmenin elf, tlett mija u hamsin Euro u disgha u disghin centezmu (€87,350.99) bilanc minn ammont akbar tar-rikavat li l-hatja akkwistat b'qerq u ingann, wara li gie imnaqqas il-valur tad-deheb rilaxxat favur Maria Dolores Frendo, u in kwantu ghall-ammont ta' erba' mitt Euro (€400.00), il-valur tal-

[49] Li jagħmlu riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

oggetti misruqa lil Josephine Burridge - jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-imsemmi valur tal-bilanc tar-rikavat, ukoll jekk il-proprjetà, minn meta l-hatja ġiet mixlija, tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes jew proprjetà jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.

12. Ai termini tal-Artikolu 23D(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn ikunu jinsabu xi flejjes jew proprjetà oħra, dovuti jew jappartejnu jew taħt il-kontroll tal-hatja, u dan ghall-finijiet tal-ordni ta' konfiska fuq imsemmija.

13. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju ghall-Irkupru tal-Assi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**